MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 335/2004

**Avviz numru 335/04 DM**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Modern Buildings & Construction Limited, Pauline u Francis Borg bhala garanti, u John u Saverina Cachia bhala garanti**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm4,491.94) bhala kapital kif ukoll is-somma ta' (Lm61.04) bhala imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sat-3 ta' Mejju, 2004, dovuti fuq 'overdraft account' numru 016 080145 – 340, b'kollox erbat elef, hames mija u tnejn u hamsin liri Maltin u tmienja u disghin centezmu

(Lm4552.98,0), kif jidher mill- ‘istatement’ anness ma’ l-avviz u mmarkat Dok. A4, u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet ufficjali Dok. A1, Dok. A2 u Dok. A3 annessi ma’ l-avviz.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta’ Mejju, 2004, bl-ispejjez ta’ l-ittri ufficjali tas-7 ta’ Jannar, 2004, tat-2 ta’ Marzu, 2004, u tat-**2** ta’ Marzu, 2004, u tas-Sekwestru kawtelatorju ppresentat kontestwalment ma’ l-avviz u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lil Catherine Fenech bhala rappresentanti ta’ l-istess bank issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ telef, hames mija, tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm4,552.98), bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Mejju, 2004, u dana fil-konfront tal-konvenuti kollha in solidum bejniethom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------